DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-5 ta' Ġunju 2008

dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fil-Konfederazzjoni Żvizzera

(2008/421/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera li jikkonċerna l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni, u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") [1], li ġie ffirmat fis-26 ta' Ottubru 2004 [2] u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2008 [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 15(1) tal-Ftehim jipprevedi li d-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen japplikaw biss fil-Konfederazzjoni Żvizzera skond Deċiżjoni tal-Kunsill għal dak il-għan wara verifika li l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dak l-acquis ikunu ġew sodisfatti.

(2) Il-Kunsill ivverifika li l-Konfederazzjoni Żvizzera tiżgura livelli sodisfaċenti tal-protezzjoni tad-*data* billi tieħu l-passi li ġejjin:

Kwestjonarju sħiħ ġie mgħoddi lill-Konfederazzjoni Żvizzera, li t-tweġibiet tiegħu ġew irreġistrati, u saru żjajjar ta' verifika u evalwazzjoni fil-Konfederazzjoni Żvizzera, skond il-proċeduri ta' evalwazzjoni ta' Schengen applikabbli kif stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv li tistabbilixxi Kumitat Permanenti dwar l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "SCH/Com-ex (98) 26 def.") [4], fil-qasam tal-Protezzjoni tad-*Data*.

(3) Fil-5 ta' Ġunju2008, il-Kunsill ikkonkluda li l-Konfederazzjoni Żvizzera ssodisfat il-kundizzjonijiet f'dan il-qasam. Għaldaqstant huwa possibbli li tiġi stabbilita data minn meta jista' japplika l-acquis ta' Schengen relatat mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (minn hawn 'il quddiem imsejħa "SIS").

(4) Id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni għandu jippermetti li d-*data* reali tas-SIS tiġi ttrasferita lill-Konfederazzjoni Żvizzera. L-użu konkret ta' dik id-*data* għandu jippermetti lill-Kunsill, permezz tal-proċeduri ta' evalwazzjoni applikabbli ta' Schengen kif imniżżel fl-SCH/Com-ex (98) 26 def., biex jivverifika l-applikazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen relatati mas-SIS fil-Konfederazzjoni Żvizzera. Ladarba dawk l-evalwazzjonijiet ikunu ġew mwettqa, il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar it-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni ta' l-Unjoni Ewropea mal-Konfederazzjoni Żvizzera.

(5) Il-Ftehim bejn il-Konfederazzjoni Żvizzera, ir-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja li jikkonċerna l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen u li jikkonċerna l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżaminazzjoni tat-talba għall-asil magħmula fl-Iżvizzera, l-Islanda jew in-Norveġja jistipula li hija għandha titpoġġa fis-seħħ fir-rigward ta' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen fl-istess data li jitpoġġa fis-seħħ il-Ftehim.

(6) Għandha tittieħed Deċiżjoni tal-Kunsill separata li tistabbilixxi data għat-tneħħija tal-kontrolli fuq persuni fil-fruntieri interni. Sa meta tiġi stabbilita d-data tat-tneħħija tal-kontrolli stabbilita f'dik id-Deċiżjoni, huwa meħtieġ li jiġu imposti ċerti restrizzjonijiet fuq l-użu tas-SIS,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Id-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen relatati mas-SIS, kif imsemmi fl-Anness I, għandhom japplikaw għall-Konfederazzjoni Żvizzera fir-relazzjonijiet tagħha mar-Renju tal-Belġju, mar-Repubblika Ċeka, mar-Renju tad-Danimarka, mar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, mar-Repubblika ta' l-Estonja, mar-Repubblika Ellenika, mar-Renju ta' Spanja, mar-Repubblika ta' Franza, mar-Repubblika Taljana, mar-Repubblika tal-Latvja, mar-Repubblika tal-Litwanja, mal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, mar-Repubblika ta' l-Ungerija, mar-Repubblika ta' Malta, mar-Renju ta' l-Olanda, mar-Repubblika ta' l-Awstrija, mar-Repubblika tal-Polonja, mar-Repubblika Portugiża, mar-Repubblika tas-Slovenja, mar-Repubblika Slovakka, mar-Repubblika tal-Finlandja, u mar-Renju ta' l-Iżvezja, mill-14 ta' Awwissu 2008.

[1] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.
[2] Id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/849/KE (ĠU L 368, 15.12.2004, p. 26) u 2004/860/KE (ĠU L 370, 17.12.2004, p. 78).
[3] Id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/146/KE (ĠU L 53, 27.2.2008, p.1) u 2008/149/ĠAI (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 50).
[4] ĠU L 239, 22.9.2000, p. 138.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen relatati mas-SIS, kif imsemmi fl-Anness II, għandhom japplikaw għall-Konfederazzjoni Żvizzera fir-relazzjonijiet tagħha mar-Renju tal-Belġju, mar-Repubblika Ċeka, mar-Renju tad-Danimarka, mar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, mar-Repubblika ta' l-Estonja, mar-Repubblika Ellenika, mar-Renju ta' Spanja, mar-Repubblika ta' Franza, mar-Repubblika Taljana, mar-Repubblika tal-Latvja, mar-Repubblika tal-Litwanja, mal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, mar-Repubblika ta' l-Ungerija, mar-Repubblika ta' Malta, mar-Renju ta' l-Olanda, mar-Repubblika ta' l-Awstrija, mar-Repubblika tal-Polonja, mar-Repubblika Portugiża, mar-Repubblika tas-Slovenja, mar-Repubblika Slovakka, mar-Repubblika tal-Finlandja, u mar-Renju ta' l-Iżvezja, mid-data stabbilita f'dawk id-dispożizzjonijiet.

3. Mid-9 ta' Ġunju 2008 tista' tiġi trasferita *data* reali tas-SIS lill-Konfederazzjoni Żvizzera.

Mill-14 ta' Awwissu 2008, il-Konfederazzjoni Żvizzera tkun tista' ddaħħal *data* fis-SIS u tuża *data* fis-SIS, suġġett għall-paragrafu 4.

4. Sad-data tat-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni mal-Konfederazzjoni Żvizzera, il-Konfederazzjoni Żvizzera:

(a) m'għandhiex tkun obbligata tiċħad id-dħul fit-territorju tagħha jew li tkeċċi ċittadini ta' Stati terzi li għalihom ikun ħareġ allert tas-SIS minn Stat Membru għall-fini taċ-ċaħda għad-dħul;

(b) m'għandhiex iddaħħal id-*data* koperta mill-Artikolu 96 tal-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju 1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża dwar l-abolizzjoni gradwali ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom [1] (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Konvenzjoni ta' Schengen").

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Luxembourgl, 5 ta' Ġunju 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

D. MATE

[1] ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19. Konvenzjoni kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 381, 28.12.2006, p.4).

ANNESS I

Lista tad-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen relatati mas-SIS li għandhom isiru applikabbli għall-Konfederazzjoni Żvizzera

1. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen:

   l-Artikolu 64 u l-Artikoli 92 sa 119 tal-Konvenzjoni ta' Schengen;

2. Dispożizzjonijiet oħrajn li jikkonċernaw is-SIS:

   (a) fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoniji segwenti tal-Kumitat Eżekuttiv stabbilit mill-Konvenzjoni ta' Schengen:

   Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-15 ta' Diċembru 1997 li temenda r-Regolament Finanzjarju dwar is-C. SIS (SCH/Com-ex (97)35) ([1]);

   (b) fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tad-Dikjarazzjoni segwenti tal-Kumitat Eżekuttiv stabbilit mill-Konvenzjoni ta' Schengen:

   Dikjarazzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tat-18 ta' April 1996 li tiddefinixxi l-kunċett ta' barrani (SCH/Com/Ex (96) dikj. 5) ([2]);

   (ċ) strumenti oħra:

   (i) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar tad-*data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* ([3]) safejn tapplika fir-rigward ta' l-ipproċessar tad-*data* fis-SIS;

   (ii) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/265/KE tas-27 ta' Marzu 2000 dwar l-istabbiliment ta' regolament finanzjarju li jirregola l-aspetti baġitarji tal-ġestjoni mid-Deputat Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, ta' kuntratti konklużi f'ismu, f'isem ċerti Stati Membri, relatati ma' l-installazzjoni u l-funzjonament ta' l-infrastruttura tal-komunikazzjoni għall-ambjent ta' Schengen, "Sisnet" ([4]);

   (iii) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2424/2001 tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) ([5]);

   (iv) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2001/886/ĠAI tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) ([6]);

   (v) Il-Manwal SIRENE ([7]);

   (vi) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 871/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar l-introduzzjoni ta' xi funzjonijiet ġodda għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, inkluż fil-ġlieda kontra t-terroriżmu ([8]), u kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti dwar id-data ta' applikazzjoni ta' dawk il-funzjonijiet;

   (vii) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/211/ĠAI ta' l-24 ta' Frar 2005 dwar l-introduzzjoni ta' xi funzjonijiet ġodda għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, inkluż fil-ġlieda kontra t-terroriżmu ([9]), u kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti dwar id-data ta' applikazzjoni ta' dawk il-funzjonijiet;

   (viii) Ir-Regolament (KE) Nru 1160/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 dwar l-abolizzjoni gradwali ta' kontrolli fuq il-fruntieri komuni, fir-rigward ta' l-aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen mis-servizzi fl-Istati Membri responsabbli mill-ħruġ taċ-ċertifikati ta' reġistrazzjoni għal vetturi ([10]).

([1]) ĠU L 239, 22.09.2000, p. 444. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/328/KE (ĠU L 113, 25.4.2008, p. 21).
([2]) ĠU L 239, 22.9.2000, p. 458.
([3]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31. Id-Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).
([4]) ĠU L 85, 6.4.2000, p. 12. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2008/319/KE (ĠU L 109, 19.4.2008, p. 30).
([5]) ĠU L 328, 13.12.2001, p. 4. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1988/2006 (ĠU L 411, 30.12.2006, p. 1).
([6]) ĠU L 328, 13.12.2001, p. 1. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/1007/ĠAI, ĠU L 411, 30.12.2006, p. 78.
([7]) Partijiet mill-manwal Sirene ġew ippubblikati fil-ĠU C 38, 17.2.2003, p. 1. Il-manwal ġie emendat mid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2008/333/KE (ĠU L 123, 8.5.2008, p. 1) u 2008/334/ĠAI (ĠU L 123, 8.5.2008, p. 39).
([8]) ĠU L 162, 30.4.2004, p. 29.
([9]) ĠU L 68, 15.3.2005, p. 44.
([10]) ĠU L 191, 22.7.2005, p. 18.

ANNESS II

Lista tad-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen relatati għas-SIS li għandhom isiru applikabbli għall-Konfederazzjoni Żvizzera mid-data stabbilita f'dawk id-dispożizzjonijiet:

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) mis-servizzi fl-Istati Membri responsabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' reġistrazzjoni tal-vetturi [1];

2. Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) [2];

3. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, l-operazzjoni u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) [3].

[1] ĠU L 381, 28.12.2006, p. 1.
[2] ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4.
[3] ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63.